# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 655/2005/2 AF**

**Francis u Victoria konjuġi Bonello u b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Lulju, 2011, il-Qorti laqgħet it-talba biex l-atti jiġu trasfużi f'isem Francis Bonello u dan wara l-mewt ta' Victoria Bonello**

**v.**

**Ronald Azzopardi u martu Mariella Azzopardi għal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tal-Qorti tat-12 ta' Mejju, 2006, ġie awtorizzat li jintervjeni fil-kawża Frank sive Frenċ Attard *'in statu et terminis'*; u b'digriet tas-7 ta' Jannar, 2008, il-Qorti ordnat it-trasfużjoni tal-atti f'isem MaryAnne neé Cassar armla ta' Francesco Attard, Janette mart Johnny Aġius, Miguel Attard, Carmela mart Paul Vella, Victoria mart Francis Bonello u Margaret mart Michael Ħili**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta dwar talba għal ritrattazzjoni li saret mill-konvenut Ronald Azzopardi bażata fuq l-Artikoli 811(e) u/jew (h) u/jew (l)

tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tiġi mħassra s-sentenza li tat din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 2020 u jerġa' jinstema' l-appell mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-15 ta' Novembru 2016.

2. It-talba għar-ritrattazzjoni saret wara dawn il-proċeduri:

2.1. Permezz ta' ċitazzjoni preżentanta fit-8 ta' Lulju 2005, l-atturi ppremettew u talbu s-segwenti:

> *"Il-konvenut Ronald Azzopardi huwa debitur tal-atturi fl-ammont ta' mitejn u hamsa u tmenin elf Lira Maltija (Lm285,000) rapprezentanti self brevi manu, kif anke gie konfermat permezz ta' dikjarazzjoni f'zewg skritturi privati tat-2 ta' Lulju 2004 u permezz ta' diversi dikjarazzjonijiet ohra tal-istess konvenuti;*
>
> *"U billi l-konvenut huwa kummercjant u kien dahal f'dan id-dejn fl-ezitu tan-negozju tieghu;*
>
> *"U billi l-konvenut interpellant diversi drabi, kemm b'ittri ufficjali f'Gunju 2004, kif ukoll b'ittri bonarji u verbalment sabiex ihallas dan l-ammont, ghalkemm irrikonoxxa carament li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u kien jiftiehem diversi skadenzi biex ihallas baqa' moruz fil-hlas u inadempjenti fl-obbligi tieghu;*
>
> *"U billi jirrizulta li l-konvenut ghandu diversi djun fil-konfront ta' terzi u dan kif jirrizulta minn proceduri ohra pendenti, jew li saru, fil-Qrati taghna;*
>
> *"U billi jirrizulta inoltre li l-konvenut ghadda l-flus mislufa lilu lil diversi kumpanniji tieghu u li fil-fatt qieghed juza diversi kumpanniji u l-principju tar-responsabbilità limitata biex jahbi l-assi tieghu u jeludi ghalhekk id-drittijiet tal-kredituri tieghu;*
>
> *"U billi l-konvenut ma huwiex fi stat li jhallas id-djun li ghandu;*
>
> *"U billi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*
>
> *"U billi in adempjent tal-Artikolu 482(3) tal-Kodici tal-Kummerc l-attur qieghed jiddepozita l-ammont ta' mitejn Liri Maltin (Lm200) favur il-konvenut;*

*"Jghid il-konvenut għaliex din il-Qorti ma ghandiex, ghar-ragunijiet premessi u salv kull dikkjarazzjoni ohra opportuna li toghgobha taghmel, sommarjament:*

*"1. Tiddikjara li l-istess konvenut waqaf ihallas id-debiti tieghu;*

*"2. Tistabilixxi l-gurnata tac-cessazzjoni tal-pagamenti da parti tieghu;*

*"3. Tiddikjara li l-istess konvenut jinsab fi stat ta' falliment u dan bi procedura sommarja skond it-termini tal-artiklu 482(1) tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*"4. Tiddikjara inoltre li l-istat ta' falliment tal-konvenut huwa frawdolenti;*

*"5. Tinnomina u tahtar kuratur/i ghall-konvenut sabiex jesercita l-funzjonijiet moghtija lilu fl-imsemmi Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*"Bl-ispejjez inkluzi dawk atti kawtelatorji mahruga qabel u kontestwalment ma din il-procedura u ta' interpellazzjonijiet ufficjali u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti mill-atturi. Il-konvenut ingunt in subizzjoni."*

2.2. Permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet preżentata fis-17 t' Awissu 2005,[1] il-konvenut Ronald Azzopardi eċċepixxa:

*'Illi l-azzjoni intavolata mill-atturi hija intempestiva stante illi mhux minnu li l-atturi huma kredituri tal-konvenut kif allegat fic-citazzjoni. Tabilhaqq l-eccipjenti intavola kawza kontra il-konvenuti fl-ismijiet inversi fil-Qorti ta' Ghawdex sabiex jigu dikjarati nulli u bla effett is-self kif rifless fid-dokumenti esibiti mac-citazzjoni. Ghalhekk l-eccipjenti jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgboha tissopressjedi sakemm il-kawza fl-ismijiet inverse tinstema u tigi deciza;*

*Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni ghall-falliment ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti la hu kummercjant u lanqas issospenda il-pagamenti;*

*Illi sussidjarjament minghajr pregudizzju ghall-premess fi kwalunkwe kaz ma hemm ebda bazi legali biex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara xi hadd fi stat ta' falliment frawdolenti;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u kull azzjoni ohra spettanti lill-eccipjenti.'*

[1] Fol. 30

2.3. Permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet preżentata fit-18 ta' Awwissu 2005,[2] il-konvenuta Mariella Azzopardi wieġbet:

*"1. Illi, in linea preliminari, l-eccipjenti umilment tirrileva illi s-self brevi manu allegatament maghmul mill-atturi favur il-konvenut zewgha Ronald Azzopardi, huwa null u bla effett fil-ligi, stante illi ma twettaqx bil-kunsens ossija l-konsapevolezza tal-eccipjenti, minkejja li jikkostitwixxi att ta' amministrazzjonistraordinarja ai termini tal-artikolu 1322(3)(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta.*

*"2. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti umilment tirrileva illi kull wiehed mid-diversi ftehim - konsistenti fi tlett kostituzzjoni ta' debitu, ghoti ta' garanzija u ghoti ta' plegg - ilkoll ezebiti finkartament ta' tmien (8) folji bhala Dokument 'C' mac-citazzjoni attrici, huma lkoll nulli u bla ebda effett fil-ligi billi, minkejja li jikkostitwixxu atti ta' amministrazzjoni straordinarja ai termini tal-artikoli 1322(3)(f) (h) u (i) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, twettqu lkoll minghajr il-kunsens ossija l-konsapevolezza tal-eccipjenti, illi certament qatt ma awtorizzat lil zewgha il-konvenut Ronald Azzopardi sabiex jidher u jwettaq l-imsemmija obbligi, ossija li jiffirma fl-istess skritturi ghan-nom tal-eccipjenti.*

*"3. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghassuespost, l-eccipjenti umilment tirrileva illi kull obbligazzjoni u att iehor maghmulin bejn l-atturi u l-konvenut Ronald Azzopardi, saru bi frodi tal-krediti u jeddijiet tal-eccipjenti fuq il-beni formanti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-eccipjenti u zewgha l-konvenut Ronald Azzopardi - illi minnhu l-eccipjenti tiddikjara illi ilha separata de facto ghal madwar tlett snin - u ghalhekk huma nulli u bla ebda effett fil-ligi, sew ai termini tal-artikolu 485 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew tal-artikolu 1144 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana kollu kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza odjerna;*

*"4. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti umilment teccepixxi illi, ghall-istess ragunijiet hawn fuq premessi u kif ukoll in virtu' tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1327 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-eccipjenti u zewgha l-konvenut Ronald Azzopardi ma jbatux id-dejn allegat mill-atturi fil-premessi attrici. Effettivament, l-eccipjenti sejra, jekk ikun il-kaz u wara li tikkonkludi l-indagini kollha necessarji u opportuni, tintavola l-proceduri gudizzjarji opportuni fil-konfront tal-atturi u ta' zewgha l-konvenut, sew sabiex jigu dikjarati nulli u bla effett kull obbligazzjoni u att iehor maghmulin bejn l-atturi u l-konvenut Ronald Azzopardi (inkluzi d-diversi ftehim ezebiti flinkartament ta' tmien (8) folji bhala Dokument 'C' maccitazzjoni attrici), u kif ukoll sabiex tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali tal-esponenti minn ma' zewgha u partikolarment is-*

[2] Fol. 33.

*separazzjoni tal-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-eccipjenti u zewgha l-konvenut Ronald Azzopardi - liema proceduri ghandhom allura jimmeritaw is-soprassessjoni tas-smiegh ta' dina l-kawza minn dina l-Onorabbli Qorti, sakemm ikun maghruf l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji hawn fuq indikati;*

*"5. Illi, in linea preliminari, u ghall-istess ragunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponenti umilment teccepixxi illi l-azzjoni attrici ma hijiex sostenibbli fil-konfront tal-eccipjenti, illi ghalhekk titlob li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, prevja dikjarazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti in sostenn tal-eccezzjonijiet preliminari gja' sollevati mill-eccipjenti;*

*"6. Illi, minghajr pregodizzju ghas-suespost, izda inter alia wkoll ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponenti umilment teccepixxi li l-atturi ma humiex kredituri tal-eccipjenti, u li ghalhekk it-talbiet attrici certament ma ghandhomx jintlaqghu fil-konfront tai-eccipjenti u ta' sehemha mill-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-eccipjenti u zewgha l-konvenut Ronald Azzopardi;*

*"7. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti umilment teccepixxi illi r-raba' talba attrici ma fiha ebda bazi legali, billi minn imkien fil-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jirrizulta illi dina l-Onorabbli Qorti tista' tiddikjara stat ta' falliment frawdolenti bil-procedura kontemplata fl-artikolu 482 et sequitur tal-istess Kodici.*

*"8. Illi, fuq il-meritu, izda minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet hawn fuq premessi, l-eccipjenti umilment teccepixxi illi, mill-indagini li ghamlet sa issa, jirrizulta illi l-atturi ma humiex kredituri ta' zewgha l-konvenut Ronald Azzopardi u lanqas ma jgawdu debitu fis-somma premessa fic-citazzjoni attrici, izda li l-kreditu talvolta ezistenti huwa sostanzjalment inqas u semmai pagabbli, bhala debitur principali, minn socjetà - illi taghha il-konvenut Ronald Azzopardi huwa azzjonist maggoritarju;*

*"9. Illi, fuq il-meritu wkoll u minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fiddritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-atturi billi, fil-fehma umli tal-eccipjenti, il-konvenut Ronald Azzopardi ma huwiex, fil-vesti tieghu personali, kummercjant, ossija li ghandu xi djun personali li ssospenda l-hlas taghhom minghajr raguni;*

*"10. L-esponenti finalment tiddikjara illi hija ma ghandhiex konjizzjoni tal-fatti kollha li jirrigwardaw ir-relazzjonijiet guridici li sehhew bejn l-atturi u l-konvenut zewgha Ronald Azzopardi, u ghalhekk titlob li tirrizerva d-dritt li tqajjem eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz, fl-istadju opportun waqt il-gbir talprovi f'din l-istanza."*

2.4. B'sentenza mogħtija fil-15 ta' Novembru 2016 l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-konvenut kien waqaf iħallas id-djun fil-ħamsa (5) ta' Awwissu tal-elfejn u erbgħa (2004) u ddikjaratu fallut, u ħatret lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bħala kuratur tal-falliment bis-setgħat u d-dmirijiet imfissrin fit-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-Qorti rriżervat ukoll li tiddeċiedi iktar 'l quddiem ir-raba' talba tal-attur (dik li kienet titlob li l-appellant jinstab ħati ta' falliment b'qerq) u ħalliet il-kawża għal smigħ biex isir l-eżami tal-inventarju li l-kuratur tal-falliment kellu jħejji għall-finijiet tal-Artikoli 502 *et seq* tal-Kodiċi tal-Kummerċ tal-Liġijiet ta' Malta, għall-eżami tal-lista ta' kredituri għall-finijiet tal-Artikolu 510(1) tal-istess Kodiċi u sabiex tissejjaħ laqgħa tal-kredituri għall-finijiet tal-Artikolu 510(2) u (3) tal-istess Kodiċi;

2.5. Il-konvenut talab lill-ewwel Qorti sabiex tagħtih permess jappella mis-sentenza.[3] B'digriet mogħti waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu, 2017,[4] l-ewwel Qorti laqgħet it-talba.

2.6. Il-konvenut appella u l-aggravji kienu li: (i) il-konvenuti m'humiex debituri tal-atturi; (ii) il-konvenut m'huwiex kummerċjant; u (iii) il-konvenut ma waqafx iħallas id-djun;

[3] Fol. 1019 sa 1024.
[4] Fol. 1028.

2.7. B'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar 2020, l-appell imressaq mill-konvenut Ronald Azzopardi ġie miċħud u ġiet konfermata għal kollox is-sentenza *in parte* mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 2016, bl-ispejjeż tal-appell kontra l-istess appellant. L-istess Qorti ordnat għalhekk li l-atti tal-kawża jerġgħu jintbagħtu lura lil dik il-Qorti biex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

Is-Sentenza tas-7 ta' Jannar 2020.

3. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet din il-Qorti fis-sentenza impunjata fir-rigward tat-tieni aggravju kienu s-segwenti:

> *"16. Illi bit-tieni aggravju l-appellent jiċħad li huwa kummerċjant. Dan l-aggravju wkoll jidher li huwa maħsub li jġib fix-xejn element ieħor siewi tal-azzjoni mnedija mill-appellati ladarba azzjoni bħal dik trid issir kontra persuna li tkun kummerċjant. F'dan l-aggravju, l-appellant jisħaq li bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa kummerċjant kif imfisser fl-artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u lanqas li għandu jitqies li wettaq atti ta' kummerċ kif maħsuba fl-artikolu 5 ta' dak il-Kodiċi. Huwa jgħid li l-atti li l-ewwel Qorti tathom it-timbru ta' atti ta' kummerċ ma kienu xejn għajr atti ta' akkwist ta' ġid personali u privat. Jgħid li s-self li kien sarlu mill-appellat kien frott il-ħbiberija li f'xi żmien kien hemm bejniethom u mhux minħabba xi ħidma ekonomika jew professjonali. Għalkemm jistqarr li kien azzjonist minoritarju f'xi kumpanniji, seħaq li huwa kien impjegat full time u jaqla' l-għixien tiegħu minn dak l-impieg. Fuq kollox, jgħid li ma ntwera mkien li bis-self li kien ħa mingħand l-appellati huwa kien ħa xi benefiċċju personali jew li dan sar għaliex kien imexxi xi negozju personali f'ismu. Is-self magħmul kien sar għall-benefiċċju ta' kumpanniji u dan ma jagħmlux kummerċjant. Għalhekk jgħid li l-ewwel Qorti kienet żbaljat meta għadditu bħala kummerċjant;*
>
> *"17. Illi waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-avukat difensur tal-appellati ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għall-fatt li fl-atti kopjużi tal-kawża jinsabu għadd ta' provi dokumentali li jixhdu n-natura tal-appellant u l-mod li huwa nnifsu kien jiddeskrivi lilu nnifsu. Iwarrab dan l-aggravju bħala turija ta' kemm l-appellant irid jagħmel minn kollox biex jipprova jaħrab milli jwettaq dak li ntrabat bih;*

*"18. Illi l-Qorti fliet b'reqqa l-atti tal-kawża għaliex riedet tara jekk lewwel Qorti kellhiex quddiemha elementi biżżejjed biex tasal għall-fehmiet li fuqhom bniet is-sentenza appellata. Dan jingħad minħabba li huwa stabbilit li l-qagħda li fiha persuna tingħaraf bħala kummerċjant ma jfissirx biss il-kisba ta' timbru jew tikketta, imma saħansitra l-kisba ta' stat li l-eżistenza tiegħu tinstilet minn fatti li jidhru u ta' bixra pożittiva. Minħabba li l-fehma li l-ewwel Qorti waslet għaliha fejn sabet li l-appellant kien kummerċjant kienet mibnija fuq apprezzament tal-provi, wieħed irid joqgħod b'seba' għajnejn biex ma jħallix dan l-aggravju jinbidel fi stedina biex din il-Qorti terġa' tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti minflok dak magħmul mill-ewwel Qorti;*

*"19. Illi mill-atti tal-kawża joħroġ fatt ċar li jorbot lill-appellant ma' sensiela twila u konsistenti ta' ndħil f'atti li l-liġi tqis bħala atti oġġettivi ta' kummerċ. Minbarra dan, dik il-linja ta' mġiba ma tinġabx fix-xejn bil-fatt li huwa kien, għal żmien twil, impjegat; lanqas ma hija determinata mill-fatt li kien biss azzjonist minoritarju f'kumpanniji li għalihom kien daħal bħala garanti f'obbligazzjonijiet ma' terzi. L-istat tiegħu ta' kummerċjant joħroġ mill-fehma u l-mod ta' kif kien jippreżenta lilu nnifsu ma' persuni u istituzzjonijiet kummerċjali fir-rapporti kuntrattwali tiegħu magħhom. Dan l-istat joħroġ ukoll mill-fatt li fil-kumpanniji kollha msemmija fl-atti talkawża huwa kellu l-irwol ta' direzzjoni u li bosta minnhom kienu mwaqqfa sewwasew biex jitwettqu atti oġġettivi ta' kummerċ maħsuba biex jibbenefikaw lill-appellant u lil martu;*

*"20. Illi l-Qorti lanqas ma temmen li l-fatt li l-appellant kien jinsab f'qagħda finanzjarja mhux mill-aħjar meta kien jissellef mingħand l-appellati kien biss ir-riżultat ta' inizjattivi privati miftuma mill-impriża marbuta ma' spekulazzjoni kummerċjali. Il-fatt li, għal medda ta' żmien, kien jinsab f'din il-qagħda lanqas ma jnaqqas xejn mill-għan lukrattiv li jidher ċar li kien ħajru jidħol għan-negozji li daħal fihom. Kummerċjant ma jonqosx li jżomm tali stat jekk il-qligħ maħsub minnu f'inizzjattivi bħal dawn ma jirriżultax kif maħsub jew jekk ir-riskji marbuta ma' tali inizzjattivi ma jagħtuhx ir-riżultat mistenni. Huwa sewwasew minħabba f'ċirkostanzi bħal dawn li l-liġi tagħti lill-kreditur l-azzjoni taħt l-artikolu 482 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;*

*"21. Illi ilu sa minn żmien stabbilit li: "sotto la denominazione di negoziante, o mercante, s'intende colui che siasi esercitato negli affari di traffico, e di commercio comprando e rivendendo merci per trarne un lucro, spendendo e ricevendo lettere di cambio per far fronte ai suoi impegni, o in qualunque altra guisa operando e mischiandosi con frequenti atti negli affari di commercio. Questi atti pero' non sono senza termine ed illimitati, ma bastano essere tali che concludano un uso, una frequenza, un'abitazione, un solito, che dalle azioni e da un corso limitato di tempo siasi indotto, cosicché per quanta forza possano avere, o testimonii, o altre giustificazioni addotte per provare in taluno la qualità di negoziante, o mercante, non minore la devono avere I contratti e gli atti mercantili ben ponderati dal giudice, dal cui arbitrio deve dipendere lo stabilimento di tal qualità. .. .. Posto il concorso, ed*

*il numero necessario degli atti mercantili, non deve piu' rimirarsi, se, per ragione di tale esercizio, s'impieghi da taluno maggiore o minor porzione delle sue sostanze, consumi piu' o meno parte del tempo, se consti o no della destinazione di tutta la persona, bastando solo che con fatto e per ragione delle operazioni di commercio e del traffico da esso lui esercitato, sia egli considerato per tale da poter godere de' privilegi mercantili ed essere soggetto alla giurisdizione de' tribunali di commercio"[5]. Is-siltiet ċitati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata huma wkoll rilevanti u siewja f'dan ir-rigward;*

*"22. Illi dawn il-kostatazzjonijiet juru li l-ewwel Qorti kellha kull raġun tasal għall-fehma li l-appellant kien tabilħaqq kummerċjant. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-argumenti mressqin minnu taħt dan l-aggravju jseħħilhom ixaqilbu l-fehma li kulma għamel l-appellant kienu egħmejjel ta' persuna f'atti privati u domestiċi: għall-kuntrarju, jixhdu mod ta' azzjoni abitwali daqskemm konsistenti ta' ħsieb u atteġġament kummerċjali b'dak kollu li egħmejjel bħal dawn iġibu magħhom. Dan ifisser ukoll li l-atti mwettqa minnu jitqiesu bħala atti ta' kummerċ, sakemm ma ssirx il-prova kuntrarja[6];*

*"23. Illi għalhekk, lanqas dan l-aggravju ma huwa mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa';"*

<u>Ir-Rikors għar-Ritrattazzjoni</u>

4. It-talba għar-ritrattazzjoni tal-appell tiegħu qed issir a tenur tal-Artikoli 811(e) u/jew (h) u/jew (l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija, abbażi tal-allegazzjoni illi s-sentenza attakkata:

(i) applikat il-liġi ħażin;

(ii) hija kuntrarja għal sentenza preċedenti fuq l-istess oġġett bejn l-istess partijiet li għaddiet in ġudikat; u

[5] <u>*Enciclopedia del negoziante ossia Gran Dizionario del Commercio dell'Indistria, del Banco e delle Manifatture*</u> (1841) voce "Commercio e Commerciante" paġġ. 534
[6] Art. 7 tal-Kap 13.

(iii) kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

Konsiderazzjonijiet.

5. Safejn it-talba ta' ritrattazzjoni tistrieħ fuq l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12, ir-rikorrent jirreferi għall-paragrafu 19 tas-sentenza u jsostni li mir-raġunament tal-Qorti, '*ikkonkludiet li l-esponent kien, fir-rigward tan-negozju mertu ta' din il-kawża aġixxa bħala negozjant u kwindi għaddiet sabiex tapplika l-preżunzjoni provduta taħt l-art. 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ'* u *'kkunsidrat il-kompravendita' ta' immobbli mwettaq mill-esponenti u (bħala konsegwenza tas-self relattiv) bħala att ta' kummerċ a tenur tal-artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.'* Igħid li sabiex waslet għal dik il-konklużjoni s-sentenza attakkata applikat proċess li '*wieħed jista' jsejjaħ bħala forma ta' 'lifting of the corporate veil a contrario sensu'* u jilmenta li b'hekk applikat il-liġi ħażina. Dan għaliex, fil-fehma tar-rikorrent, is-sentenza naqset milli tapplika l-Artikolu 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jipprovdi: "*kull att ta' kummerċjant jitqies li hu att kummerċjali, ħlief meta mill-att stess ikun jidher li hu m'għandux x'jaqsam mal-kummerċ*". Ma dan jorbot l-argument li mhux kull min hu direttur f'kumpanija awtomatikament huwa ukoll kummerċjant u jirreferi għall-Artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji, li jipprovdi għall-personalita` ġuridika distinta bejn soċjeta` kummerċjali u l-membri tagħha. Jilmenta li fis-sentenza ma saret

l-ebda referenza għal din id-dispożizzjoni u li lanqas ma saret referenza għall-Artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jipprovdi espressament li '*kummerċjanti huma dawk li, bi professjoni, jagħmlu f'isimhom atti tal-kummerċ, kif ukoll is-soċjetajiet kummerċjali.'* Itenni li huwa m'għandux u ma jistax jitqies kummerċjant u għalhekk ma japplikawx id-disposizzjonijiet dwar falliment. Imbagħad għamel referenza għall-ġurisprudenza dwar il-prinċipji li '*għandhom jiffurmaw u jiddeterminaw il-limiti tal-preżunzjoni kontenuta fl-art. 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ',* u żied li '*hekk kif jingħad li mhux kull att ta' kummerċjant huwa att ta' kummerċ, hekk ukoll ċertament ma jistax jingħad li kull att ta' direttur fi ħdan kumpannija għandu jiġi meqjus att ta' kummerċ'*.

6. L-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jipprovdi li hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni. Għalhekk, rikorrent li jistrieħ fuq dik id-dispożizzjoni jrid jiddikjara liema liġi ġiet applikata ħażin fis-sentenza attakkata, kif ukoll jiddikjara liema liġi kellha tkun applikata mill-Qorti li tat is-sentenza.

7. F'dan il-każ, filwaqt li l-appellant jilmenta li din il-Qorti applikat ħażin l-Artikolu 5 u l-Artikolu 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, fl-istess nifs jikkontendi li din il-Qorti kellha tapplika l-istess Artikolu 7 tal-Kodiċi tal-

Kummerċ iżda abbinat mal-Artikoli 4(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji u l-Artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, liema artikoli jipprovdu rispettivament illi: soċjeta` kummerċjali għandha personalita` distinta minn dik tal-membru/i tagħha; u li l-kummerċjanti huma dawk li bi professjoni jagħmlu f'isimhom atti tal-kummerċ. Huwa ċar li dak li qiegħed jagħmel ir-rikorrent hi interpretazzjoni tal-fatti differenti minn dik li saret minn din il-Qorti fis-sentenza impunjata.

8. Ir-rikorrent isostni li l-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-Art. 7 tal-Kodiċi Kummerċ.[7] Madankollu hu ċar li din il-Qorti kkunsidrat dik id-disposizzjoni tant hu hekk li hemm referenza espressa għalih (ara l-*footnote* a fol. 20 tal-sentenza tas-7 ta' Jannar 2020), u wara li kkunsidrat il-provi waslet għall-istess konklużjoni li Ronald Azzopardi hu kummerċjant.

9. Il-fatt li fis-sentenza ma saritx referenza espressa għall-Artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u l-Artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji fil-konsiderazzjonijiet tagħha, ma jfissirx li l-ewwel Qorti injorathom. Lanqas mhu minnu dak li allega r-rikorrent li fis-sentenza appellata l-Qorti tal-Appell ħadet il-posizzjoni li, '*kull min huwa direttur fi ħdan xi kumpanija tabilfors u kwindi awtomatikament huwa wkoll kummerċjant, dana għas-*

[7] *"Kull att ta' kummerċjant jitqies li hu att kummerċjali, ħlief meta mill-att stess ikun jidher li hu m'għandux x'jaqsam mal-kummerċ"*.

*sempliċi raġuni li huwa għandu rwol ta' direzzjoni fi ħdan il-kumpanija/i tiegħu li jwettqu atti oġġettivi ta' kummerċ'.* Tant mhux hekk li f'paragrafu 19 tas-sentenza qalet:

> *"19. Illi mill-atti tal-kawża joħroġ fatt ċar li jorbot lill-appellant ma' sensiela twila u konsistenti ta' ndħil f'atti li l-liġi tqis bħala atti oġġettivi ta' kummerċ. Minbarra dan, dik il-linja ta' mġiba ma tinġabx fix-xejn bil-fatt li huwa kien, għal żmien twil, impjegat; lanqas ma hija determinata mill-fatt li kien biss azzjonist minoritarju f'kumpanniji li għalihom kien daħal bħala garanti f'obbligazzjonijiet ma' terzi. L-istat tiegħu ta' kummerċjant joħroġ mill-fehma u l-mod ta' kif kien jippreżenta lilu nnifsu ma' persuni u istituzzjonijiet fir-rapport kuntrattwali tiegħu magħhom. Dan l-istat joħroġ ukoll mill-fatt li fil-kumpanniji kollha msemmija fl-atti tal-kawża huwa kellu l-irwol ta' direzzjoni u li bosta minnhom kienu mwaqqfa sewwasew biex jitwettqu atti oġġettivi ta' kummerċ maħsuba biex jibbenifikaw lill-appellant u lil martu".*

10. Id-deċiżjoni ta' din il-Qorti kienet bażata fuq dak li rriżulta mill-provi u mhux kif jallega l-appellant għaliex kull min hu direttur ta' kumpanija hu wkoll kummerċjant. Dan apparti li talba għal ritrattazzjoni bażata fuq paragrafu (e) m'għandhiex tinvolvi proċess fejn il-Qorti terġa' tagħmel apprezzament tal-provi ġdid. L-appellant isostni li din il-Qorti:

> *".... kellha tidħol ferm aktar fil-fond fl-analiżi tan-negozju mertu ta' din il-kawża ..... sabiex tagħraf id-differenzi li kienu jgħaddu proprju bejn is-self mertu tal-kawża odjerna u n-negozju regolari tiegħu, dejjem avut rigward u b'rispett lejn il-prinċipju tal-personalita' legali distinta li għandha dejjem tinżamm bejn soċjetajiet kummerċjali u d-diretturi tagħha".*

11. Dak li r-rikorrent qiegħed jistieden lill-Qorti biex tagħmel m'hu xejn għajr apprezzament tal-provi mill-ġdid, li konvenjentement jirreferi għalih bħala *"sempliċement rikonsiderazzjoni"*. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-7 ta' Jannar 2020 ikkunsidrat il-provi li hemm fl-atti u kkonkludiet li Ronald Azzopardi kien kummerċjant għaliex kien qiegħed jagħmel atti tal-

kummerċ f'ismu. Fis-sentenza appellata, jingħad *"19. Illi mill-atti tal-kawża joħroġ fatt ċar li jorbot lill-appellant ma' sensiela twila u konsistenti ta' ndħil f'atti li l-liġi tqis bħala atti oġġettivi ta' kummerċ.... L-istat tiegħu ta' kummerċjant joħroġ mill-fehma u l-mod ta' kif kien jippreżenta lilu nnifsu ma' persuni u istituzzjonijiet kummerċjali fir-rapport kuntrattwali tiegħu magħhom"*. Fil-proċeduri tal-lum din il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li r-rikorrent m'huwiex jagħmel atti ta' kummerċ f'ismu (Art. 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ) mingħajr ma tagħmel apprezzament tal-provi li ressqu l-partijiet. Eżerċizzju li m'huwiex possibbli li jsir f'proċedura bħal din.

12. Fis-sentenza oġġett ta' dawn il-proċeduri ta' ritrattazzjoni intqal ukoll li l-istat ta' kummerċjant toħroġ ukoll:

> *"19 ...... mill-fatt li fil-kumpaniji kollha msemmija fl-atti tal-kawża huwa kellu l-irwol ta' direzzjoni u li bosta minnhom kienu mwaqqfa sewwasew biex jitwettqu atti oġġettivi ta' kummerċ maħsuba biex jibbenifikaw lill-appellant u lil martu".*

Irrispettivament mill-korrettezza *o meno* ta' dik l-osservazzjoni, mis-sentenza hu evidenti li dik il-konsiderazzjoni ma kinitx determinati peress li ma kinitx l-uniku raġuni li wasslet lill-Qorti sabiex tiċħad l-appell ta' Azzopardi.

13. Safejn ir-rikorrent jirreferi għall-ġurisprudenza li tistabbilixxi l-prinċipji li '*għandhom jiffurmaw u jiddeterminaw il-limiti tal-preżunzjoni*

*kontenuta fl-Art. 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ',* huwa qiegħed sempliċement jattakka l-interpretazzjoni mogħtija lill-istess artikolu fis-sentenza attakkata.

14. F'dik il-parti tat-talba għal ritrattazzjoni li saret abbażi tal-paragrafi (h) u (i) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12, ir-rikorrent jirreferi għal żewġ digrieti li tat il-Qorti Ċivili fid-19 [sic. *recte* 17] u 31 ta' Awwissu 2006 dwar talba tal-atturi sabiex jiġi jinħatar kuratur bil-għan li jeżerċita l-funzjonijiet mogħtija lilu fil-Kodiċi tal-Kummerċ.[8] Jgħid li dik t-talba ġiet miċħuda proprju għaliex il-kawża saret kontrih f'ismu proprju u mhux kontra l-kumpanija tiegħu. Jikkonkludi illi '*dan kollu jindika proprju li ... l-ewwel Qorti Onorabbli Qorti kif sa dak iż-żmien presjeduta kienet tal-umli fehma li, in linea mal-artikoli u l-konsegwenti prinċipji hawn fuq imsemmija, l-esponenti ma setax u ma kellux f'ismu proprju jiġi kkunsidrat bħala kummerċjant u dana billi jiġi salvagwardjat proprju l-istat persunali tal-esponent b'distinzjoni mir-rwol tiegħu bħala direttur fi ħdan is-soċjetajiet tiegħu jew minn atti oħrajn tiegħu.'* Jikkontendi għalhekk li l-proċess huwa '*kjarament affett minn żball'* a tenur tal-Artikolu 811(l). Jgħid li l-imsemmija digrieti jikkostitwixxu ukoll ġudikat għall-finijiet tal-Artikolu 811(h) u għalhekk is-sentenza attakkata ma setgħetx tasal għal konklużjoni li pależament tikkontradiċi dak hemm deċiż.

[8] Fol. 381.

15. Dan l-ilment huwa fieragħ. L-Artikolu 811 jipprovdi li kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell tista' tiġi ritrattata:

> *"...*
>
> *"(h) jekk is-sentenza tkun kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett, u li għaddiet f'ġudikat, basta li l-eċċezzjoni ta' res judicata ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża;*
>
> *...*
>
> *"(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*
>
> *"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza."*

16. Dak li jilmenta hawn dwaru r-rikorrent ma jinkwadra ruħu taħt l-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkosanzi. Il-fatti li wasslu għal dawk id-digrieti kienu s-segwenti:

i. fit-12 ta' Mejju 2006 il-konjuġi Bonello ppreżentaw rikors permezz ta' liema ddikjaraw li fl-interess tal-kredituri kollha kien hemm il-ħtieġa li jinħatar sekwestratarju ġudizzjarju sabiex jikkawtela l-assi kollha mobbli u mmobbli tal-konvenuti;[9]

ii. għal din it-talba, il-konvenuta Mariella Azzopardi wieġbet[10] *inter alia* li mill-provi prodotti sa dakinhar, għalkemm kien jirriżulta

[9] Fol. 381.
[10] Fol. 383 *et seq.*

li diversi kumpaniji ta' żewġha kellhom debiti ma' xi kredituri, ma kienx hemm prova li hi u żewġha kellhom xi debiti personali. Lanqas ma kienet saret prova dwar l-istat finanzjarju ta' dawk il-kumpaniji jew tal-assi li għandhom hi u żewġha personalment. Saħqet illi sa dakinhar il-kreditu pretiż mill-atturi kien għadu ma ġiex kanonizzat u reż eżekuttiv u kkontendiet għalhekk li dik it-talba kienet intempestiva;

iii. min-naħa l-oħra Ronald Azzopardi wieġeb[11] li l-kreditu pretiż huwa kkontestat u qabel ma tkun saret dikjarazzjoni ta' falliment ta' kummerċjant u jiġu nominati kuraturi tal-falliment ma hemm l-ebda bażi legali għan-nomina ta' sekwestratarju ġudizzjarju. Ikkontenda li f'dik il-fażi tal-proċeduri ta' falliment setgħu jinħarġu biss mandati kawtelatorji u atti oħra eżekuttivi *a tenur* tal-Artikolu 484 tal-Kap. 13. Semma ukoll is-salvagwardja għall-kredituri li toħroġ mill-Artikolu 485 tal-istess Kodiċi u kkontenda li l-att konservatorju mitlub mill-konjugi Bonello mhux ammissibbli a tenur tal-Artikolu 851 *et seq* tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Tenna li kemm it-talba għall-dikjarazzjoni ta' falliment kif ukoll it-talba għal ħatra ta' sekwestratarju ġudizzjarju huma ntempestivi. Saħaq finalment li huwa mhux kummerċjant iżda biss direttur ta' diversi soċjetajiet;

---

[11] Fol. 394 *et seq*.

iv. permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Awwissu 2009, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet:

> *"Rat ir-rikors;*
> *Rat ir-risposti'*
> *Fiċ-ċirkostanzi, u meta tqis li l-kawża qed issir kontra persuna proprio u mhux kontra l-kumpaniji tiegħu, tiċħad it-talba."*

v. permezz ta' rikors ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2006,[12] Bonello talbu lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla terġa' tirrikunsidra d-digriet tad-19 ta' Awwissu 2006;

vi. b'diġriet mogħti fil-31 ta' Awwissu 2006[13] l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba.

17. Minn dan kollu din il-Qorti tifhem sempliċement li f'dik il-fażi tal-proċeduri, l-ewwel Qorti ma kellhiex taħtar sekwestratarju ġudizzjarju kontra r-Azzopardi. Imkien ma ppronunċjat ruħha dwar il-mertu tal-każ u tant inqas ma ddikjarat illi Ronald Azzopardi '*ma setax u ma kellux f'ismu proprju jiġi kkunsidrat bħala kummerċjant'*, kif qiegħed isostni f'din il-kawża. Kieku dak kien il-każ, il-kawża kienet tieqaf hemm u ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa li jitkompla bil-ġbir tal-provi u li jsiru s-sottomissjonijiet tal-partijiet sabiex imbagħad dik il-Qorti tipproċedi bis-sentenza tagħha dwar it-talba għal dikjarazzjoni ta' falliment. Dan għaliex

---

[12] Fol. 426 *et seq*.
[13] Fol. 428.

dawk il-proċeduri kienu jistrieħu proprju fuq id-determinazzjoni tal-kwistjoni jekk ir-ritrattand jaqax fid-definizzjoni ta' kummerċjant mogħtija fil-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

18. Finalment ir-rikorrent jirreferi għall-Artikolu 482(4) tal-Kodiċi tal-Kummerċ u jilmenta li dak l-artikolu ma ġiex applikat u li ma saritx il-garanzija meħtiega a tenur tal-istess.

19. Pero` dak l-ilment kellu jitqajjem fil-proċeduri ta' falliment. L-argument li l-Qorti kellha tqajjem dik il-materja *ex officio* u n-nuqqas iwassal għan-nullita` tal-proċeduri, hija fiergħa. Kien l-obbligu tar-rikorrent li jiddefendi ruħu bl-aħjar mod. Ir-rikorrent ma jistax jinqeda bin-nuqqas tiegħu stess biex jipprova jimmotiva t-talba għal ritrattazzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiddeciedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent Azzopardi bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr